

Brussell, 11 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9302/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2014/0108(COD)**

ENT 100
CONSOM 169
SOC 315
MI 395
ECO 38
IND 241

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' April 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 196 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar tagħmir ta' protezzjoni personali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 196 final.

Mehmuż: COM(2023) 196 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.4.2023
COM(2023) 196 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-
Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar tagħmir ta'
protezzjoni personali**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar tagħmir ta' protezzjoni personali

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) 2016/425¹ jistabbilixxi rekwiżiti għad-disinn u l-manifattura ta' tagħmir ta' protezzjoni personali (PPE) biex jiżgura l-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-utenti u jistabbilixxi regoli dwar il-moviment liberu tal-PPE fl-Unjoni.

Sabiex jitqies il-progress tekniku u l-għarfien jew evidenza xjentifika ġdida, l-Artikolu 42(1) tar-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex temenda l-Anness I billi tikklassifika mill-ġdid ir-riskju li l-PPE huwa maħsub li jipproteġi lill-utenti kontrib, u tmexxih minn kategorija għal oħra.

2. BAŻI ĠURIDIKA

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 43(2) tar-Regolament (UE) 2016/425. Skont dak l-Artikolu, is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati hi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin mill-21 ta' April 2018 u l-Kummissjoni hi meħtieġa tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat mhux aktar tard minn 9 xhur qabel jintemm il-perjodu ta' 5 snin.

L-Artikolu 43(2) tar-Regolament jipprevedi li d-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul ta' żmien, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għat-tali estensjoni sa mhux aktar tard minn 3 xhur qabel ma jintemm kull perjodu.

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2016/425, il-Kummissjoni ma użatx l-għoti tas-setgħa. L-ebda att delegat ma ġie adottat s'issa.

Il-kategoriji tar-riskju tal-PPE elenkati fl-Anness I tar-Regolament għadhom aġġornati. Madankollu, ir-raġunijiet, li għalihom il-koleġiżlaturi kkonferew is-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati, jibqgħu validi u l-Kummissjoni jista' jkollha bżonn tuża s-setgħa fil-futur.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni temmen li, għalkemm sal-lum ma adottat l-ebda att delegat, id-delega tas-setgħa kif iddikjarata fl-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2016/425 jenħtieġ li tiġi estiża b'mod taċitu għal 5 snin, f'konformità mal-Artikolu 43(2) tar-Regolament.

Il-ħtieġa li r-riskji jiġu kklassifikati mill-ġdid billi dawn jitmexxew minn kategorija għal oħra tista' tinqala' fil-futur. Huwa importanti li tinżamm il-flessibilità meħtieġa fil-qafas ġuridiku, biex jitqies il-progress tekniku u l-għarfien jew evidenza xjentifika ġdida sabiex jiġu protetti s-saħħa u s-sikurezza tal-utenti.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 51).